## QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 15 ta` Dicembru 2016**

**Kawza Nru. 35**
**Rik. Gur. Nru. 980/16 JZM**

**Vincent Zammit and Sons (P444)**

***kontra***

**MBM (Modern Building Methods) Limited (C44859)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat tal-kumpannija attrici prezentat bil-procedura sommarja specjali fil-31 ta` Ottubru 2016 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-partnership rikorrenti pprestat favur is-socjeta` ntimata servizz ta` garr ta` merkanzija b`inkariku ta` din tal-ahhar, u sborzat spejjez ancillari fl-ipprestar ta` dan is-servizz ghaf-favur l-istess socjeta` ntimata, dejjem kif inkarigata mill-intimata.*

*2. Illi ghal dan is-servizz hekk pprestat u spejjez sborzati, ir-rikorrenti ghandha tithallas is-somma ta` €42,798.43c (tnejn u erbghin elf seba` mija u tmienja u disghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu), skont ma jirrizulta ahjar miz-zewg statements annessi u markati bhala Dokument A u Dokument B.*

*3. Illi dwar parti sostanzjali minn dan l-ammont dovut lir-rikorrenti, l-intimata sahansitra harget diversi cekkijiet minn kont bankarju ta` socjeta` ohra, li lkoll ma gewx onorati mill-Bank. Qed tigi annessa kopja tal-imsemmija cekkijiet, komplessivament markati bhala Dokument C.*

*4. Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet, u minkejja diversi weghdiet ta` hlas min-naha tal-intimata, hi baqghet inadempjenti u ma hallsitx is-somma dovuta minnha lir-rikorrenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*5. Illi fil-fehma tas-socjeta` / partnership rikorrenti, is-socjeta` konvenuta m`ghandha ebda eccezzjonijiet x`taghti skont il-ligi, u ghalhekk din il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smigh u skont il-procedura sommarja specjali.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:*

*1) Tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skont kif mahsub fl-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2) Tiddikjara illi l-partnership rikorrenti pprestat favur is-socjeta` ntimata servizz ta` garr ta` merkanzija b`inkariku ta` din tal-ahhar, u sborzat spejjez ancillari fl-ipprestar ta` dan is-servizz ghaf-favur l-istess socjeta` ntimata wkoll b`inkarigu taghha, u li ghal dawn is-servizzi u spejjez inkorsi, il-partnership rikorrenti ghandha tithallas minghand is-socjeta` ntimata s-*

*somma ta` €42,798.43c (tnejn u erbghin elf seba` mija u tmienja u disghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu).*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lill-partnership rikorrenti s-somma ta` €42,798.43c (tnejn u erbghin elf seba` mija u tmienja u disghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu), kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata, u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data li fiha gie pprestat is-servizz u thallsu l-ispejjez skont id-Dokument A u B annessi, illi qed tigi wkoll ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat in-nota li l-kumpannija konvenuta pprezentat illum, li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti.

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-kumpannija konvenuta tat-talbiet attrici kif dedotti, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:**

**Tilqa` t-tieni talba; u**

**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-partnership attrici s-somma ta` €42,798.43 (tnejn u erbghin elf seba` mija u tmienja u disghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu), bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kif mitluba.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**